31977D0706

L 292/9 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 16.11.1977

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-7 ta' Novembru 1977
dwar l-iffissar ta' mira tal-Komunità għal tnaqqis fil-konsum ta' sorsi primarji ta' enerġija fil-każ ta' diffikultajiet fil-provvista ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi

(77/706/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEW

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 103(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-istabbiliment ta' politika komuni dwar l-enerġija huwa wieħed mill-objettivi li l-Komunità ffissat għaliha nfisha; billi l-Kummissjoni għandha tipproponi l-miżuri li għandhom jittieħdu għal dan l-iskop;

Billi l-istabbiliment ta' solidarjetà ġenwina bejn l-Istati Membri fil-każ ta' diffikultajiet ta' provvista huwa wieħed mill-ħtiġiet bażiċi għall-politika ta' l-enerġija tal-Komunità;

Billi l-Kunsill għadda d-Direttiva 73/238/KEE ta' l-24 Lulju 1973 dwar miżuri biex jimmitigaw l-effetti ta' diffikultajiet fil-provvista ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi [1];

Billi l-Kunsill għadda d-Direttiva 68/414/KEE ta' l-20 Diċembru 1968 li timponi obbligazzjoni fuq l-Istati Membri ta' KEE sabiex iżommu ħażniet minimi ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi [2], kif emendata bid-Direttiva 72/425/KEE [3];

Billi fil-każ ta' diffikultajiet ta' provvista, l-konsum ta' l-enerġija fil-Komunità għandu jiġi mnaqqas skond ix-xejra ta' disponibilità li tista' tiġi prevista u l-irtirar li jkun possibbli mill-ħażniet ta' emerġenza;

Billi huwa meħtieġ li tiġi stipulata mira komuni sabiex tissalvagwarda l-unità tas-suq u jiġi żgurat li dawk kollha li jużaw l-enerġija fil-Komunità jġorru sehem ġust mid-diffikultajiet li jinqalgħu mill-kriżi;

Billi, waqt li jieħdu miżuri sabiex jilħqu l-mira tal-Komunità għat-tnaqqis fil-konsum ta' l-enerġija, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-istruttura tas-swieq partikolari tagħhom,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Fejn jinqalgħu diffikultajiet fil-provvista ta' żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi fi Stat Membru wieħed jew aktar, il-Kummissjoni, waqt li taġixxi fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess u wara li tikkonsulta l-grupp li hemm provdut dwaru fid-Direttiva 73/238/KEE, tista' tiffissa mira għat-tnaqqis tal-konsum ta' prodotti petroliferi fil-Komunità kollha kemm hi sa 10 % tal-konsum normali. Din id-deċiżjoni għandha tkun applikabbli għal massimu ta' xahrejn.

(1) ĠU L 228, tas-16.9.1973, p. 1.
(2) ĠU L 308, tat-23.12.1968, p. 14.
(3) ĠU L 291, tat-28.12.1972, p. 154.

2. Sabiex tissalvagwarda l-unità tas-suq u tiżgura li l-konsumaturi kollha ta' l-enerġija fil-Komunità jġorru s-sehem ġust tagħhom mid-diffikultajiet li jinqalgħu mill-kriżi, l-Kummissjoni:

(a) għandha fl-għeluq tal-perjodu ta' xahrejn u fil-limiti stipulati fil-paragrafu 1, tipproponi lill-Kunsill mira ġdid għal:

— prodotti petroliferi li ma humiex sostitwibbli, espressi bħala perċentwali tal-konsum ta' dawn il-prodotti,

— prodotti petroliferi li huma sostitwibbli, espressi bħala perċentwali tal-konsum tas-sorsi kollha sostitwibbli ta' l-enerġija,

(b) fil-każ ta' defiċit akbar, tista' tipproponi lill-Kunsill li l-mira għat-tnaqqis fil-konsum teċċedi l-10 % u tiġi estiża għal forom oħra ta' l-enerġija.

3. Il-kwantitajiet ta' prodotti ta' żejt mhux raffinat li jiġu ffrankati bħala riżultat tat-tnaqqis differenzjat tal-konsum li hemm provdut dwaru fil-paragrafu 2 għandhom jiġu mqassma bejn l-Istati Membri.

4. Il-Kunsill għandu fi żmien għaxart ijiem jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata dwar kull proposta mill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 2.

5. Fejn l-intervent tal-Kummissjoni jkun ġie mitlub minn Stat Membru, l-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn meta tirċevi dik it-talba.

6. Kull Stat Membru jista' jirreferi lil-Kunsill kull Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiffissa mira għal'tnaqqis fil-konsum. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fi żmien għaxart ijiem minn meta l-każ jiġi riferit lilu, jista' jirrevoka jew jemenda dik id-deċiżjoni.

7. Deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni għandhom japplikaw malli l-Istati Membri jkunu ġew notifikati dwarhom.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom mingħajr dewmien jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex inaqqsu l-konsum tagħhom ta' prodotti ta' żejt mhux raffinat u/jew konsum ta' enerġija kollu kemm hu jew b'mill-inqas sehemhom mil-mira tat-tnaqqis skond l-Artikolu 1.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-miżuri kollha meħuda skond l-Artikolu 2 malli dawn jidħlu fis-seħħ.

Artikolu 4

1. Jekk, wara li tikkonsulta l-grupp li hemm provdut dwaru fid-Direttiva 73/238/KEE jew skond il-bażi ta' l-informazzjoni mgħoddija minn Stat Membru, l-Kummissjoni ssib li s-sitwazzjoni dwar provvisti ta' żejt u prodotti ta' żejt mhux raffinat fi Stat Membru wieħed jew aktar ma tiġġustifikax aktar li jkomplu jiġu applikati l-miżuri biex jitnaqqas il-konsum:

(a) hija għandha tiddeċiedi li temendhom jew tirrevokhom jekk il-miżuri jkunu ġew introdotti permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni;

(b) hija għandha tipproponi li l-Kunsill jemendhom jew jirrevokhom jekk il-miżuri jkunu ġew introdotti permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.

2. Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni meħuda skond il-paragrafu 1 (a) għandhom jidħlu fis-seħħ malli l-Istati Membri jkunu ġew notifikati dwarhom. Kull Stat Membru jista' jirreferi lil-Kunsill kull Deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda jew tirrevoka l-miżuri biex jitnaqqas il-konsum.

3. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fi żmien għaxart ijiem minn meta l-każ jiġi riferit lilu.

Artikolu 5

Wara li tikkonsulta l-Istati Membri, l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, fis-7 ta' Novembru 1977.

Għall-Kunsill

Il-President

A. HUMBLET